

31990R3301

L 317/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

16.11.1990

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3301/90
tal-15 ta' Novembru 1990**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 429/90 dwar l-għotja permezz ta' stedina għal offerta ta' ghajjnuna għal
butir ikkonċentrat maħsub għall-konsum dirett fil-Komunità**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3117/90 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7a ⁽³⁾ tiegħu,

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 429/90 huwa hawnhekk emendat b'dan li ġej:

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 429/90 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2617/90 ⁽⁴⁾, jipprovdi għall-għotja ta' ghajjnuna għall-butir konċentrat magħmul jew mill-krema jew mill-butir iffabbrikat fil-Komunità, sakemm il-butir ma kienx is-suġġett ta' xiri minn aġenziji ta' intervent jew ta' ghajjnuna privata ta' ħażna; billi l-Artikolu 7a ⁽²⁾ (b) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 jipprovdi, wara l-emenda l-aktar reċenti għal dak ir-Regolament, li jistgħu jittieħdu miżuri speċjali mill-Kummissjoni sabiex jiżdieđu, b'mod partikolari, il-possibilitajiet ta' disponiment mill-butir, irrispettivament minn jekk il-prodott ikkonċernat kienx jew ma kienx suġġett ta' ghajjnuna privata ta' ħżin; billi l-konsegwenzi ta' dan għandhom jit-fasslu għall-iskopijiet tar-Regolament (KEE) Nru 429/90;

1. Fl-Artikolu 1(1), "jew ta' ghajjnuna privata għall-ħżin" hija mħassra.
2. Fl-Artikolu 4(1), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Jekk il-butir ikkonċentrat jiġi ffabrikat mill-butir, dak li jagħmel l-offerta għandu wkoll jagħti kelma bil-miktub li juża butir li ma kienx is-suġġett ta' xiri minn aġenziji ta' intervent".

Artikolu 2

Billi l-miżuri previsti fir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Novembru 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 5.

⁽³⁾ ĠU L 45, tal-21.2.1990, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 249, tat-12.9.1990, p. 5.